# Osanna

*(Fl-okkażjoni tal-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fostna)*

ĠORĠ ZAMMIT

Imsaħħab is-sema, imqalleb il-baħar
Theddida f'kull mewġa, Mulej, Int sawwart
Biex ħaqra ta' ġifen inħakem u tfarrak
U n-nies tiegħu kollha kenn sabu f'din l-art.

U fost il-baħħara li hawn kellhom merħba
Kien hemm dak li ressaq lejn ħdan il-Mulej
Lil artna u lil ġensna li ħatru b'missieru
U b'hekk għożżewh dejjem, għal-lum u għal li ġej.

Tempesta oħra ħarxa xxebilket mis-sema
Li mlietu bil-ħlejjaq tal-bniedem qerried
U l-bnazzi tas-sliem kien mill-bogħod beda jżernaq
U fik Missier ieħor kulħadd jara ried.

U issa jmiss lilna, Missier ejja fostna
Kif darba l-appostlu ġibilna t-twemmin
Ejj'int biex iġġeddu, ejj'int biex isaħħu
Ejj'int biex twettaqna għall-milja tas-snin!

Għalhekk dawn il-Gżejjer qed jidwu bil-għana
Ta' ferħ u ta' merħba lil min f'idu jżomm
L-imfietaħ tas-Saltna, li min 'l Alla jikseb
Iqimu bl-għemil u bil-qalb u bil-fomm.

Osanna ngħajtulek, Missier, u l-Osanna
Ġo qalbna nnaqqxuha għaż-żmien kollu li ġej
Għax fik Kristu ieħor naraw, int Ragħaj tajjeb
li t-triq turi lilna lejn ħdan il-Mulej.

*20–21 ta' Frar, 1990*